Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 264/11 (JE).

Lawrence Buttigieg

vs

Aplan Ltd. (C 2450).

Illum, 24 ta' Settembru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Lawrence Buttigieg li fih qal illi xtara fridge/freezer mingħand is-soċjetà konvenuta bil-prezz ta' ħames mitt lira (Lm 500). Din il-fridge/freezer ma ħadmietx sew u l-partijiet ftehmu illi tinbidel b'waħda ġdida. L-attur ħallas mitejn euro (€200) oħra u ngħatatlu garanzija ta' seba' (7) snin fuq din il-fridge ġdida mill-1 ta' Settembru 2009. L-attur qed jilmenta illi qed jifforma s-silġ fil-kexxun fin-naħa t'isfel tal-fridge u minkejja diversi tentattivi da parti tas-soċjetà konvenuta, dina l-problema baqgħet tippersisti. Għaldaqstant, l-attur talab ir-rifużjoni tal-flus imħallsa mill-attur għall-fridge/freezer de quo, liema flus skond il-fattura pprezentata jammontaw għal elf tlett mija u ħamsa u sittin euro (€ 1,365).

Ra r-risposta is-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha ċaħdet illi l-merkanzija ma kienetx ġdida jew tal-kwalità pattwita. Sostniet ukoll illi l-attur qed jagħmel l-istess ilment li kien għamel fir-rigward ta' l-ewwel fridge/freezer mibjugħa lilu li issa ġiet mibjugħa lil terzi li qatt ma lmentaw fir-rigward. Għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta allegat illi l-attur ma kienx qed juża l-apparat sew. Qalet ukoll illi is-soċjetà konvenuta qiegħda tirrispetta t-termini tal-garanzija u ssewwi l-fridge/freezer kif meħtieġ tant illi l-attur għadu jagħmel użu minnha. Għaldaqstant, it-talba attriċi hija ntempestiva stante illi s-soċjetà konvenuta hija fl-ewwel lok obbligata illi ssewwi l-merkanzija u m'hemmx lok ta' rexxissjoni tal-kuntratt. Inoltre, tali talba hija legalment insostenibbli stante illi l-oġġett għadu fil-pussess tal-attur (u għadu jiġi użat) u ma ġiex depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti.

Ra l-provi tal-partijiet u r-rapporti tal-perit tekniku tal-11 ta' Ġunju 2012 u tas-27 ta' Lulju 2012.

Ikkunsidra.

Din il-kawża tittratta fridge/freezer illi minkejja illi nxtrat tat-tip "no frost" baqgħet tipproduċi s-silġ fil-kompartament tal-"fridge" minkejja bosta tentattivi ta' tiswija da parti tas-soċjetà konvenuta. Illi r-rapport addizzjonali tal-perit tekniku kkonkluda illi :

1. Since ice is forming in the fridge compartment, the refrigeration cycle is not performing to exact operating descriptions as set out in the manufacturer's manuals.

2. The fridge may not be defrosting regularly due to some fault in the control circuitry thereby the evaporator is losing its full efficiency.

3. The circulating air fan together with the ducting system are not operating properly.

Conclusion :

It is thus the opinion of the undersigned that having considered the operating parameters of the fridge cycle it can be concluded that the fridge freezer under consideration is not delivering the correct service as listed in the manufacturer's literature.

Għaldaqstant, it-Tribunal m'għandu l-ebda dubju illi l-fridge/freezer de quo m'hijiex tal-kwalità pattwita u hemm lok ta' rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ stante illi t-talba għal tali rexxisjoni saret fi żmien sentejn mid-data tal-bejgħ. Madankollu, huwa minnu illi l-attur naqas illi jirritorna l-fridge/freezer de quo u jiddepożitaha taħt l-awtorità tal-qorti. Għaldaqstant, it-Tribunal, fl-ewwel lok, jordna illi s-soċjetà konvenuta tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-attur sabiex tirtira l-fridge/freezer in kwistjoni mir-residenza tal-attur a spejjeż tagħha u kontestwalment, tħallas lill-attur is-somma illi arbitrio boni viri qiegħda tiġi ffiissata fl-ammont ta' elf euro (€ 1,000) stante illi l-attur għamel użu mill-fridge/freezer għal xi żmien.

Bl-ispejjeż għas-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru